**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Joseph Camilleri**

Numru: 201/2016

Illum 10 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Camilleri,** residenti fil-fond St. Joseph Crt, Blk B, Flat 6, Triq Sir Pawlu Boffa, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 458091(M), akkuzat talli nhar l-1 ta' Settembru 2015, fil-Gzejjer Maltin;

1. Hebb ghal Eric Camilleri u kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif iccertifika Dr. Christian Zammit REG 3241 ( Kap. 9, Artiklu 221(1) );

2. Gab ruhu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li ser jaghti fastidju lil Eric Camilleri ( Kap 9, Artiklu 251A(1)(b) );

3. Ikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra Eric Camilleri jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna ( Kapitolu 9, Artiklu 251B(1) );

Rat id-dokumenti esebiti l-atti processwali kollha;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 221(1), 251A(1)(b), 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet trattazzjoni finali da parte ta' Dr. William Cuschieri ghall-kwerelanta u da parte ta' Dr. Mario Scerri ghall-imputat;

**Ikkunsidrat**

Illi dan l-allegat kaz sehh waqt li l-minuri Eric Camilleri kien ma' missieru Joseph Camilleri waqt l-access fl-1 ta' Settembru 2015. Il-*parte civile* Nadia Vella li hi separata minn ma' Joseph Camilleri ghamlet rapport ghand il-Pulizija fil-konfront tal-ex zewgha Camilleri u anke pprezentat certifikat mediku.. Id-difiza tallega li dawn il-proceduri qeghdin isiru biex quddiem il-Qorti tal-Familja l-omm tkun tista' ggib a konjizzjoni ta' dik il-Qorti biex twaqqaf l-access tat-tifel lil missieru.

**Piki matrimonjali**

Qabel xejn din il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-partijiet sabiex minkejja li z-zwieg taghhom ma rnexxiex huma ma jhallux dan il-fatt ifixkilhom fit-trobbija ta' binhom li ghadu zghir hafna. Fejn jidhol

dan it-tifel, li zgur ma ghandu htija ta' xejn ghal dak li gara bejn il-partijiet, l-piki ghandhom jitwarrbu ghal kollox.

Din il-Qorti fil-fatt tfisser dak kollu li wassal ghal dan il-kaz bhala rizultat ta' pika zejda; pika immatura li ma tixraq lill-ebda' genitur. F'dan il-kaz din il-Qorti kienet tippretendi istruzzjoni ahjar minn l-avukati tal-*parte civile*, u mhux ihalli lill-*parte civile* timmanipulah u tmexxih minn idejh biex twasslu fejn trid hi. Il-*parte civile* mhux l-ewwel darba li dehret quddiem din il-Qorti b'avukati differenti fejn kienet akkuzata li ma tatx access lill-imputat. Din il-Qorti m'hi se thalli lil hadd jinqeda biha biex iwettaq l-agenda mohbija li jkun hemm f'mohhu.

Din il-Qorti sejra tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Natasha Theuma** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-8 ta' Gunju 2007 fejn ingħad:

> "*sfortunatament spiss jigri, it-tfal jigu manipulati, direttament jew indirettament, bi kliem, gesti jew anke b'semplici atteggjament da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja biex dawn "jirrifjutaw" li jmorru mal-parti l-ohra. Mill-banda l-ohra wiehed ma jridx jinsa wkoll li anke t-tfal jistghu jippruvaw jisfruttaw u jimmanipulaw is-sitwazzjoni, hafna drabi ta' tensjoni u pika, li jkunu jinsabu fiha l-genituri, a beneficcju taghhom, u dak li jkunu "jridu" jew "jixtiequ" it-tfal ma hux necessarjament fl-interess veru taghhom."*

Il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-Qorti diversament preseduta f'kaz ta' rapport li sar mill-mara u t-tfal fil-konfront tar-ragel, fejn illiberat lill-imputat mill-akkuzi kollha li bihom kien rinfaccjat u kkummentat ukoll li mart l-imputat kellha agenda mohbija wara dawn il-proceduri kriminali. Il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Il-Qorti nnotat li din il-kawza damet ghaddejja kwazi hames snin ghal raguni jew ohra, w rat li bejn il-partijiet hemm*

***mibeghda kbira li sfortunatament qed twassal lill-kwerelanti thejji rapporti fil-konfront ta' zewgha li m'humiex fondati.*** *Sfortunatament il-vittmi f'dan il-kaz huma wlied l-istess kwerelanti w l-imputat li jkollhom jixhdu fi proceduri kriminali fil-konfront ta' missierhom fuq talba t'ommhom. Illi dan kollu ma jawgurax tajjeb u bla dubbju qed jikkreja trawma fl-ulied li ghad iridu jghixu hajjithom ukoll. Il-Qorti tissolecita lill-pulizija esekuttiva sabiex titratta ma' dan il-kaz b'aktar serjeta' w taghmel indagini aktar profonda qabel ma tistitwixxi proceduri ohra.*

*Dwar l-akkuzi li l-imputat saq il-vettura tieghu b'mod traskurat, perikoluz u negligenti w b'velocita' eccessiva, l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda gja msemmija aktar 'il fuq li verament hija skarsa f'dan ir-rigward, u ttenni li dawn l-akkuzi lanqas ma gew provati.* ***Il-Qorti thoss li verament il-kwerelanti ghandha agenda mohbija 'l ghala ghaddiet lil zewgha f'dan il-kaz kriminali.*** *Il-Qorti hija konvinta li l-imputat mhux xi bniedem kalm jew ahjar simpatiku, w dan anke mill-manjiera kif xehed, pero' thoss li l-kwerelanti Maryrose Pisani mhix xhud attendibbli w li rnexxielha tikkonvinci lil uliedha biex jixhdu bil-mod kif xehdu. Meta kienet fil-pedana tax-xhieda kienet wisq prepotenti w riedet tghid iktar milli fil-fatt kienet preparata li tghid, billi zzejjen diskorsha. Uliedha min-naha l-ohra kellhom jigu mghejjuna mill-pulizija biex jixhdu, a kuntrarju ta' ommhom. Il-Qorti nnotat ukoll, minn qari tat- traskrizzjonijiet, li l-konjugi xejn m'huma gentili ma' xulxin u hlief jinsulentaw lil xulxin ma jaghmlux!"*[1]

## L-ewwel imputazzjoni
## Artikolu 221(1)tal-Kap 9 – Hebb u Feriti ta' Natura Hafifa fil-konfront ta' Eric Camilleri)

[1]Numru 494/2006: Il-**Pulizija vs Anthony Pisani**, deciza mill-kollega l-Magistrat Consuelo Scerri Herrera nhar il-15 ta' Marzu 2011.

Artikolu 221. (1) jipprovdi li *l-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' prigunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa.*

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Eric Camilleri. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni esebit certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Christian Zammit (**Dok EMC1**), okkorenza (**dok EMC2**) u affidavit ta' PS1268 Ivan Caruana.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti.

Min-naha l-wahda l-*parte civile* dak minnha allegat mal-Pulizija li rrakuntatilhom x'qalilha t-tifel fejn qalet li l-imputat kkorega lit-tifel billi tah daqqa fuq wiccu u li tah *punishments* bhal ma hallihx juza t-*tablet* u waqt ix-xiehda tal-*parte civile viva voce* tghid li hi ma rat la griehi u lanqas xi marki fuq it-tifel u fejn l-imputat min-naha l-ohra qed jichad dak kollu allegat mill-*parte civile*. Il-Qorti qieset id-dikjarazzjoni li ghamel it-tifel Eric Camilleri lill-Pulizija kif riprodotta fl-affidavit ta' PS1268 Ivan Caruana (a fol 2). Fis-seduta l-Qorti ma hallietx li t-tifel jixhed u dan biex ikun protett u mhux jintuza bhall-ballun tal-*football* biex xi hadd mill-genituri jiskorja xi *goal*.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat

mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet, jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li

l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 ta' Ott****ubru 2006)."*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid

taghmel id-domanda jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi. Mehud kollox flimkien, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skont il-ligi.

Illi min-naha l-ohra meta l-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda li l-imputat minnu moghtija f'dawn il-proceduri setghet tinnota certu konsistenza f'dak li qal kif ukoll li l-attegjament u l-komportament tieghu ma taw ebda indikazzjoni li huwa ma setax jitwemmen.

Illi bhala rikapitulazzjoni din il-Qorti tghid li wara li hadet inkunsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotti f'dan il-kaz u flietu bil-lenti ndikata mill-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, wara li kkonstatat li r-rakkont tal-*parte civile* ma giex korroborat, din il-Qorti tista' tasal biss ghal konkluzjoni wahda u cioe' li ma tistax tistrieh fuq dak li qalet il-*parte civile* u kif qalitu u taht liema cirkostanzi biex issib htija fl-imputat.

**<u>It-tieni u t-tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 251A u 251B tal-Kap 9 – fastidju u *harassement*</u>**

Illi r-reat tal-fastidju u tal-*harassement* kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija fl-2005.

Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun *"a course of conduct"* u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming*") jew idejjaq: ("*causing ..distress*") lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "*harassment*") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose*", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-**Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" [21.6.07] :-

"*…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.*"

> Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."
>
> Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment*". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-kaz fil-fehma tal-Qorti dak li sehh bejn iben il-*parte civile* sehh f'data partikolari fejn waqt ix-xiehda taghha l-*parte civile* ma tatx is-sena meta sehh izda rrakuntat allegaat kaz meta missier it-tifel l-imputat bhala *punishment* ma hallihx juza t-*tablet*. Illi ghalhekk il-Qorti tqis il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala li ma hemmx "*course of conduct*" (fit-test Ingliz) u b'hekk jissussisti r-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza'.(ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: "Il-**Pulizija vs. Raymond Parnis**" per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). Il-Prosekuzzjoni ghandha tkun aktar attenta qabel tohrog akkuzi bhal dawn ghaliex qeghdin nirrikorru ghar-redikolu meta missier iwiddeb lil ibnu billi ma jhallihx juza t-*tablet* bhala mizura korrettorja nakkuzawh b'*harassement*!

**DECIDE**

Ghaldastant, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu peress illi ma jirrizultawx.

Il-Qorti tordna d-divjet ta′ pubblikazzjoni ta′ isem il-minuri Eric Camilleri fi kwalunkwe mezz ta′ komunikazzjoni.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**